

32003R0261

L 37/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.2.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 261/2003**tat-12 ta' Frar 2003****dwar l-awtorizzazzjoni provviżorja ta' użi ġodda ta' addittivi fl-għalf ta' l-annimali****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar addittivi fl-għalf ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1756/2002 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 9e tagħha,

Billi:

- (1) id-Direttiva 70/524/KEE issemmi li użu għdid ta' addittiv li diġà hu awtorizzat jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Komunità skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva.
- (2) id-Direttiva 70/524/KEE issemmi li awtorizzazzjoni provviżorja ta' addittiv għdid biex jintuża fl-għalf jew użu għdid ta' addittiv li diġà hu awtorizzat tista' tingħata jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva huma sodisfatti u jekk hu raġonevoli li jiġi ssoponut, bir-riżultati disponibbli, li meta jintuża fl-ikel ta' l-annimali għandu wieħed mill-effetti mniżżla fl-Artikolu 2(a) ta' dik id-Direttiva. Awtorizzazzjoni provviżorja bħal din tista' tingħata għal perijodu li ma jaqbiżx l-erba' snin fil-każ ta' addittivi mniżżla fil-Parti II ta' l-Anness C ma' dik id-Direttiva.
- (3) Informazzjoni għdida ngħatat mill-kumpanniji produttori fl-appoġġ għall-applikazzjoni biex tiġi estiża għall-kategoriji ġodda ta' l-annimali l-awtorizzazzjoni taż-żewġ preparamenti ta' enzimi stabbiliti fl-Anness I u II ma' dan ir-Regolament, u li huma mniżżla taħt in-Numru 50 u 51 fl-Annessi mad-Direttiva 70/524/KEE, għall-kategoriji ġodda ta' l-annimali.
- (4) Il-valutazzjonijiet ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni mogħtija fir-rispett ta' l-użu għdid tal-preparazzjonijiet ta' enzimi stabbiliti fl-Anness I u II, juru li

l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE huma sodisfatti, u l-estensjonijiet ta' użu għandhom għalhekk jiġu awtorizzati fuq bażi provviżorja għal perijodu ta' erba' snin.

- (5) Il-valutazzjonijiet ta' l-applikazzjonijiet juru wkoll li ċerti proċeduri jistgħu jkunu meħtieġa biex jipproteġu lill-ħaddiema minn esposizzjoni għall-addittivi stabbiliti fl-Annessi I u II. Dawn il-protezzjonijiet għandhom madankollu jiġu assigurati mill-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ⁽³⁾.
- (6) Il-Kumitat Xjentifiku għan-Nutrizzjoni ta' l-Annimali ta opinjoni favorevoli relatata mas-sigurtà ta' dawn il-preparazzjonijiet, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi ma' dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjonijiet li huma parti mill-grupp "Enzimi" imniżżla fl-Anness I u II huma awtorizzati għal użu bħala addittivi fin-nutrizzjoni ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn l-Annessi.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 270, l-14.12.70, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 265, it-03.10.02, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 183, id-29.06.89, p. 1.

L-ANNEX I

Nru. (jew Nru. tal-KE)	Additiv	Formula kimika, deskrezzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimali	Età' massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Disposizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' l-awtorizza-zzjoni
					Unitajiet ta' attività kull kg ta' għalf komplut			
Enzimi								
50	6-phytase EC 3.1.3.26	Preparazzjoni ta' 6-phytase prodott minn <i>Aspergillus oryzae</i> (DSM 11857) li għandha attività minima ta': Forma miksija: 2 500 FYT/g ⁽¹⁾ Forma likwida: 5 000 FYT/g	Ħnieżer	—	750 FYT	— — —	1. Fil-metodu ta' użu għall-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura tal-ħażna, il-ħajja fil-ħażna, u l-possibiltà ta' l-appallotolament 2. Doża rakkomondata għal kull kg ta' għalf komplut: 750-1 000 FYT 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih aktar minn 0.25 % <i>phytin bound phosphorus</i>	1.2.2007

⁽¹⁾ FYT wieħed hu l-ammont ta' enzimi li jilliberaw *micromole* waħda ta' fosfat inorganiku kull minuta minn *sodium phytate* b'pH 5.5 u 37 °C.

ANNEX II

Nru. (jew Nru. tal-KE)	Additiv	Formula kimika, deskrezzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimali	Età' massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Disposizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' l-awtorizza-zzjoni
					Unitajiet ta' attività kull kg ta' għalf komplut			
Enzimi								
51	Endo-1,4-beta-xylanase KE 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-xylanase KE 3.2.1.8 prodotti minn <i>Bacillus subtilis</i> (LMG S-15136) li għandha attività minima ta': Endo-1,4-beta-xylanase: 100 IU/g ⁽¹⁾	Ħnieżer għas-simna		10 IU		1. Fil-metodu ta' l-użu ta' l-additiv u t-taħlita minn qabel, indika t-temperatura tal-ħażna, il-ħajja tal-ħażna, u l-possibiltà ta' l-appallotolament 2. Doża rakkomandata kull kilo ta' għalf komplut: Endo-1,4-beta-xylanase: 10 IU/kg 3. Għall-użu fl-għalf kompost għani fil- <i>arabinoxylans</i> eż. minimu ta' 40 % qamħ jew xgħir	1.1.2007

⁽¹⁾ IU wieħed hu l-ammont ta' enzima li jilliberaw *micromole* waħda ta' zokkor riduċenti (ekwivalenti *xylose*) minn *birchwood xylan* kull minuta b'pH 4.5 u 30 Ċ.